MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tal-21 ta' Marzu, 2015

Numru. 322/2015

**Il-Pulizija**

**[Spettur Jason Francis Sultana]**

**vs**

**Thiam Cheikn**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Thiam Cheikn detentur tad-dokument bin-numru 004548.

Akkuzat talli:

1. Nhar is-19 ta' Marzu 2015, f'diversi hinijiet gewwa tas-Sliema u gewwa dawn il-gzejjer iffalsifika jew biddel minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott tal-industrija, jew xjentement ghamel uzu ta' dawn l-ismijiet, marki, jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid;
2. Xjente ment ghamel uzu ta' marka, sinjali, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija b'din il-marka, sinjal jew emblema.
3. Xjente ment qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq.

Rat il-fedina penali li hija netta;

Rat id-dokumenti pprezentanti; inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-ammissjoni mill-imputat u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, fi stadju bikri tal-proceduri u rat illi hu kkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 298 1(a), (c), (f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat Thiam Cheikn hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u stante li t-tieni (2) u t-tielet (3) akkuza huma assorbiti f'tal-ewwel (1) akkuza, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal tmintax-il (18) xahar.

Il-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti kollha maqbudin.

Finalment spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------